**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Paul Mizzi**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum 14 ta' Dicembru, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Paul Mizzi** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 18866 (M) billi huwa akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, nhar is-27 ta' Mejju 2015 ghall-habta ta' 11.15am kif ukoll fil-jiem ta' qabel, bhala persuna responsabbli mill-istabbiliment Cadena Snack Bar, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta:

1. Qieghed imwejjed jew ghamara ohra fuq barra ta' stabbiliment turistiku minghajr licenzja mahruga ghal daqshekk mill-awtorita'.
2. Naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Att dwar Servizzi tal-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal Malta jew xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta l-licenzja.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra l-piena moghtija, tordna wkoll li titnehha l-kawza tar-reat u li jregga lura kull

haga li tkun saret minghajr il-licenzja jew li jhares il-kundizzjonijiet imposti fuq il-licenzja.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

**Regolamenti 15(1) tal-Avviż Legali 409.08 (AL 128 tas-sena 2002).**

*'15. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull regolamenti oħra applikabbli, ħadd m'għandu jqiegħed imwejjed jew għamara oħra fuq barra xi stabbiliment turistiku, jekk qabel ma tkunx inħarġitlu liċenzja mill-awtorita':*

*Iżda l-ksur ta' xi kondizzjoni ta' liċenza li għandha x'taqsam mat-tqegħid ta' mwejjed, siġġijiet jew affarijiet oħra jew partijiet minnhom minn detentur ta' liċenza jew minn xi persuna oħra jew minn xi aġenti li jaġixxu bl-awtorità tad-detentur f 'xi spazju msemmi , għandu wkoll , għall- finijiet ta' dawn ir-regolamenti, jikkostitwixxi reat kontra dawn ir-regolamenti:*

**Artikolu 43 tal-Kap 409**

*'43. (1) Kull min -*

*(a) mingħajr ma jkollu liċenza, imexxi xi attività turistika jew jippermetti li xi attività turistika titmexxa minn jew fi proprjetà li tagħha jkun is-sid jew koproprjetarju jew li minnha jew fiha jkun seta' mexxa dik l-attività li kieku kellu liċenza valida;*

*jew*

*(b) meta jkollu liċenza, jonqos li jħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni oħra li għaliha tkun suġġetta l-liċenza;*

*ikun ħati ta' reat u għandu, meta jinsab ħati, jeħel* ***multa*** *ta' mhux anqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73), u f'kaz ta' reat taħt il-paragrafu (b), jew dwar reat taħt il-paragrafu (ċ), jekk il-ħati jibqa' għaddej bir-reat għal aktar minn tliet*

*xhur, ukoll għal priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur u mhux aktar minn tliet snin.'*

Il-Qorti rat li l-Prosekuzzjoni harget żewġ imputazzjonijiet fl-istess ċitazzjoni. L-ewwel imputazzjoni hija li l-imputat kien **qed taġixxi bla liċenzja** meta poġġa imwejjed barra l-istabbiliment tieghu. Din hija imputazzjoni li hija indipendenti mit-tieni waħda. Din l-imputazzjoni tirrigwarda l-ksur ta' l-artikolu 15(1) tal-Avviż Legali 128 tas-sena 2002.

Fil-fatt it-tieni imputazzjoni qed tgħid li l-imputat kellu permess li jopera stabbiliment izda kiser xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-istess permess. Din it-tieni imputazzjoni mhix li l-imputat ma kellux liċenzja biex jopera l-istabiliment  iżda li kellu liċenza iżda mar oltre u hareg l-imwejjed barra l-istabbiliment. Hawnhekk ir-reat huwa **differenti** minn dak ikkontemplat fir-regolament 15(1) tal-Avviż Legali 409.08 u japplika l-artikolu 43(1)(b) tal-Kap 409.

Għalhekk il-Qorti tinnota li ż-żewġ imputazzjonijiet setgħu jingħataw it-tnejn, u jekk hemm il-ħtieġa jkun applikat l-artikolu 17(f) tal-Kap 9.

**Eżami tal-Fatti**

Il-Qorti semgħet lix-xhieda minn fuq il-pedana u fil-fehma tagħha jirriżulta kemm li l-imwejjed barra l-istabiliment Cadena huma oltre l-kundizzjonijiet mogħtija fil-liċenzja kif ukoll li barra l-istabiliment inhargu minghajr il-permess tal-awtorita'.

Huwa veru li l-Government Property Department hargu permess biex l-imputat ikollu imwejjed u siggijiet bara l-istabiliment (70/11), izda l-imputat Mizzi kien infurmat ukoll li *"despite that you have attained this permit, you are still not legally allowed to place tables and chairs outside your establishment.*

*This is due to the fact that operators of tourism operations are requested to be in possession of specific licence issued by the Malta Toursim Authority should they wish to place tables and chairs outside their establishment. This is in terms of regulation 15(1) of Subsidiary Legislation 409.08 of 2002.*

*In order to be able to obtain a licence, you are kindly requested to submit the following documents:*

*MEPA Full Development Permission and approved layout plan*

*A permit from the Food Safety Unit*

*A bank guarantee of €50 per square metre.*

L-imputat naqas li jipprovdi lill-Awtorita' dawn id-dokumenti li huma rekwiziti biex tinhareg licenzja halli jkollu l-imwejjed u s-siggijiet barra l-istabiliment.

**DECIDE:**

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 43(1)(b) u 43(1)(2) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta u regolament 15(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.08, ssib lill-imputat Paul Mizzi hati tal-akkuzi u tikkundannah multa komplessiva ta' elf u erba` mitt Ewro (€1,400).

Inoltre, il-Qorti qiegħda tapplika d-disposizzjonijiet tas-subartikolu 377(5) tal-Kodici Kriminali sabiex tassigura li Paul Mizzi jregga lura kull haga li saret minghajr il-licenzja u li jhares il-kundizzjonijiet impost fil-licenzja u għalhekk qegħda tordna lill-ħati sabiex fi zmien xahar millum, a spejjez tiegħu, ineħħi dak li kkawza r-reat.

Il-ħati huwa mwissi li taħt l-istess Liġi jekk huwa jonqos milli jwettaq u jħares din l-ordni fiż-żmien stabbilit lilu :

> *(a)hu jkun jista' jigi misjub ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, ammenda ta' mhux inqas minn erba' euro u sitta u sittin ċentezmu (4.66) u mhux izjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċentezmu (23.29) għal kull gurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi zmien;*

*(b)il-qorti għandha tawtorizza lill-Pulizija biex tneħħi l-inkonvenjent li għalih ikun jirriferixxi r-reat għas-spejjez tal-ħati, f'liema kaz il-ħati jista' jigi mgiegħel iħallas l-ispiza b'mandat maħrug mill-istess qorti.*

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**